MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 21/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Odila (sive Odilia) Cremona**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Odila (sive Odilia) Cremona talli fid-9 ta' Gunju 2009 ghall-habta tat-3.00 p.m. f'dawn l-Gzejjer permezz tas-sistema jew apparat tat-telekomunikazzjonijiet tat fastidju u ingurjat u dejjqet u heddedt lil Mary Bugeja bi kliem u/jew messaggi b'mod li kienet taf jew messa kienet taf li dan kien ta' fastidju kontra din il-persuna jew li tikkaguna lil Mary Bugeja li tibza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha.

Il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` ta’ Mary Bugeja jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Odilia Cremona b’obligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta’ soma flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Jannar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Odila (siveOdilia) Cremona hatja ta’ l-imputazzjoni kif dedotta u, wara li rat l-artikoli 251A, 251B u 251C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, ordnat lill-istess Odila (sive Odilia) Cremona li tobbliga ruhha li zzomm il-kwiet ma’ l-istess Mary Bugeja u jekk b’xi mod tonqos minn din l-obbligazzjoni, thallas is-somma ta’ hames mitt euro (500) penali, u dan ghal perijodu ta’ sena;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Odila (sive Odilia) Cremona pprezentat fit-2 ta’ Frar, 2010 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellanti huwa illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u nkomplet tal-ligi. L-ilmenti taghha huma: (1) li nonostante l-konflitt tal-provi, ma giex applikat il-principju *in dubbio pro reo*; (2) li ma gewx ippruvati l-elementi in sostenn ta’ l-artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (3) li l-appellanti kellha tuzufruwixxi mid-difiza kontemplata fl-imsemmi artikolu 251A; (4) li saret ukoll applikazzjoni nkorretta tal-ligi meta l-ewwel Qorti sabet htija ai termini ta’ l-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali peress illi ma ngabux provi ta’ biza’ li ser tintuza vjolenza kontra terz u anke l-ewwel Qorti stess sahqet li semmai l-agir ta’ l-appellanti kien wiehed li wassal biex idejjaq lil Mary Bugeja; (5) li s-sejbien ta’ htija ta’ l-appellanti jmur

kontra d-dritt naturali peress illi huwa ekwiparabbli ma' cahda li hi, bhala nanna, tara li n-neputijiet taghha jinsabu fi stat tajjeb ta' sahha.

Fis-seduta tallum din il-Qorti semghet il-provi kollha mill-gdid, u cioe` Mary Bugeja, Caroline Cremona u Anthony Bonnici (rapprezentant tal-GO li pero` ma kienx jaf fuqhiex kellu jixhed) ghall-prosekuzzjoni, u jin-naha l-ohra l-appellanti u May Cremona.

Inghataw verzjonijiet kontrastanti u ghalhekk id-difiza enfasizzat li l-appellanti kellha tigi liberata minhabba konflitt tal-provi. Ix-xiehda ta' xhud wiehed biss pero`, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[1]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, **"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"**[2].

Din il-Qorti kellha l-opportunita` tevalwa l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda taghhom, u hi tal-fehma li l-verzjoni li taw Mary Bugeja u Caroline Cremona hi mhux biss aktar verosimili izda aktar veritjera. Inoltre dak kollu li xehdu dwaru jipprova l-elementi taz-zewg reati addebitati kontra l-appellanti, cioe` kemm skond l-artikolu 251A u l-artikolu 251B, u li l-appellanti ma tista' tibbenefika taht l-ebda difiza skond dawk l-artikoli.

Konsegwentement l-appell ma jimmeritax akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi:

---

[1] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[2] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

Tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li qed tordna li l-garanzija ta' sena a tenur ta' l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tibda fis-sehh millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------